# MOU mal-MCAST jaħseb għal kors ijiet fil-konservazzjoni u aċċess bla ħlas għal siti storiċi

Heritage Malta

**Stqarrija | 13 ta' Ottubru 2022**

Heritage Malta u l-Kulleġġ Malti għall-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST) iffirmaw Memorandum of Understanding li jaħseb, fost ħwejjeġ oħra, għall-ħolqien ta' korsijiet full-time fl-MCAST li jwasslu għal Baċellerat u Master's fil-Konservazzjoni. L-MOU jipprovdi wkoll għal aċċess bla ħlas, fejn possibbli, għal studenti tal-MCAST meta jżuru mużewijiet u siti ta' Heritage Malta.

Permezz tal-MOU, iż-żewġ naħat qablu li jwaqqfu grupp ta' ħidma li se jaħdem biex jinħolqu ż-żewġ korsijiet, li t-tnejn li huma se jinkludu kontenut akkademiku kif ukoll skema ta' taħriġ. Heritage Malta, b'kollaborazzjoni mal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi, impenjat ruħha li toffri boroż ta' studju b'rabta ma' dawn il-lawrji u oħrajn, skont il-ħtiġijiet li jinqalgħu minn żmien għal ieħor. L-aġenzija se tiggarantixxi impjieg full-time lil numru limitat ta' studenti sponsorjati wara li jlestu b'suċċess il-kors rispettiv tagħhom.

Minbarra aċċess b'xejn f'siti u mużewijiet lil aktar minn 8,000 student tal-MCAST, Heritage Malta se tagħti skontijiet speċjali fuq il-pubblikazzjonijiet tagħha lill-istudenti u l-għalliema tal-MCAST filwaqt li se tipprovvdi pubblikazzjonijiet bla ħlas lil-libreriji tal-kulleġġ. L-aġenzija se toffri wkoll is-siti tagħha biex iservu bħala estensjoni tal-klassi għall-għalliema tal-MCAST. Barra minn hekk, se tagħti appoġġ lill-istudenti tal-kulleġġ fir-riċerka tagħhom, l-aktar billi toffrilhom aċċess għal informazzjoni u tħeġġiġhom jagħmlu riċerka oriġinali dwar mużewijiet u wirt kulturali relatat ma' Heritage Malta.

Kull fejn ikun possibbli, sessjonijiet prattiċi u ta' fieldwork se jsiru f'siti ta' Heritage Malta, inkluż il-laboratorji xjentifiċi tal-aġenzija u dawk tal-konservazzjoni.

Min-naħa tiegħu, l-MCAST se jikkonsulta ma' Heritage Malta dwar professjonijiet u ħiliet li jkunu neqsin mis-suq lokali tax-xogħol, sabiex jitfasslu korsijiet li jtaffu dan in-nuqqas. Fejn ikun possibbli, l-MCAST se jistieden lil impjegati ta' Heritage Malta biex jagħtu lezzjonijiet u jmexxu sessjonijiet ta' fieldwork ħalli jtejbu l-iżvilupp professjonali kontinwu tagħhom.

Il-kulleġġ qed jimpenja ruħu wkoll li jħeġġeġ lil diversi dipartimenti fi ħdanu u lill-istudenti rispettivi biex jiffokaw ir-riċerka u l-proġetti tagħhom fuq suġġetti u oqsma marbutin ma' Heritage Malta u l-ħtiġijiet tagħha. Il-kulleġġ se jgħin lill-aġenzija fil-pubblikazzjoni u l-preżentazzjoni ta' xogħlijiet ta' riċerka meta dan ikun meħtieġ.

L-MOU, li jkopri perjodu ta' sitt snin, ġie ffirmat minn Noel Zammit, Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta; il-Prof. Joachim James Calleja, Prinċipal u Kap Eżekuttiv tal-MCAST; u s-Segretarju Permanenti Dott. Joyce Cassar f'isem l-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Dott. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u Dott. Clifton

Grima, Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, kienu preżenti għall-iffirmar.

Il-Ministru Owen Bonnici qal li dan il-ftehim huwa pass importanti biex iniedi t-triq għal kollaborazzjoni sħiħa bejn l-entità li tħares il-wirt nazzjonali u l-MCAST. "L-edukazzjoni hija kruċjali għat-tisħiħ tal-ekosistema favur il-wirt storiku f'pajjiżna. Il-konservazzjoni hi qasam ta' tagħlim importanti ħafna għall-pajjiż u b'dan il-pass l-MCAST se tkun qed tagħti kontribut importanti ferm li l-frott tiegħu se jinqata' fis-snin li ġejjin," qal Dott. Bonnici.

Il-Ministru Clifton Grima tkellem dwar il-kollaborazzjonijiet bejn l-MCAST u diversi entitajiet oħra li qed ipoġġu lill-istudent bħala prijorità. "Bil-ħolqien ta' dawn il-korsijiet, l-MCAST qed ikompli jagħmel passi kbar 'il quddiem bħala kulleġġ li dejjem qed ikabbar il-prospett tiegħu biex dejjem jagħti aktar opportunitajiet lill-istudenti ħalli dawn jilħqu l-aspirazzjoni tagħhom", qal il-Ministru Grima.

Dott. Joyce Cassar qalet li ladarba l-kors tal-Baċellerat fil-Konservazzjoni jkun lest biex jiġi mniedi, hu ppjanat li jitmexxa bl-istess mod bħall-iskema tal-istudenti tal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi. Dan l-Istitut huwa impenjat lejn aktar kollaborazzjoni ma' Heritage Malta permezz ta' taħriġ u żvilupp anke għall-impjegati eżistenti tal-aġenzija.

Noel Zammit qal li dan l-MOU għandu l-għan li jikkonsolida r-relazzjoni twila bejn Heritage Malta u l-MCAST, permezz tal-qsim ta' riżorsi tekniċi, akkademiċi u umani u permezz ta' appoġġ lill-istudenti u l-għalliema biex dejjem iżommu ruħhom aġġornati mal-aħħar żviluppi fl-oqsma tal-wirt kulturali u l-konservazzjoni. Huwa esprima t-tama li dan il-memorandum jixpruna kollaborazzjonijiet simili bejn is-settur edukattiv u Heritage Malta.

Il-Prof. Joachim James Calleja qal li l-komunità tal-kulleġġ tista' tikkontribwixxi permezz ta' riċerka u proġetti fuq diversi suġġetti li huma relevanti għal Heritage Malta. Dan jinkludi diversi oqsma fosthom il-konservazzjoni, il-marketing, il-ġbir ta' dejta, l-interpretazzjoni, id-disinn, l-arti kreattiva, l-esperjenza tal-viżitaturi, l-IT, il-finanzi u x-xjenza. L-MCAST jemmen fit-tagħlim lil hinn mill-klassi, u l-aċċess għal mużewijiet u siti storiċi huwa opportunità ta' tagħlim biex l-istudent jiskopri aktar dwar l-istorja u l-kultura tagħna.